# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 9**

**Appell Ċivili Numru 795/2013/1 JRM**

**Pierre Falzon u Helen Falzon**

***v.***

**Anthony Borg**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru 2017 li sabet illi lill-atturi ma seħħilhomx juru li l-kambjala maħruġa minnhom fit-12 ta' Lulju 2010 u li kellha titħallas lill-konvenut fit-12 ta' Settembru 2021 ma tiswiex, u konsegwentement ma ħassritx l-atti tas-bejgħ *sub hasta* numru 69/12 fl-ismijiet Anthony Borg *v.* Pierre u Helen Falzon mibdija bis-saħħa tal-istess kambjala bħala titolu esekuttiv .

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża tallum ġew imfissra hekk mill-ewwel qorti:

»… … … bis-saħħa ta' kitba privata tal-15 ta' Novembru 2009 il-kumpannija *P.E.R.G. Limited* iddikjarat lilha nnifisha midjuna lejn l-eżekutant fis-somma ta' mitejn elf euro (€200,000) mogħtija lilha b'self *brevi manu* qabel dakinhar u li kellha tintradd lura lill-istess eżekutant bla mgħax fi żmien sitt (6) xhur minn dakinhar.

»Fit-3 ta' Marzu 2010, inħarġet kambjala mill-eżekutati b'import ta' mitejn elf euro (€200,000) li kienet titħallas lill-eżekutant jew fuq ordni tiegħu mit-30 ta' April ta' dik is-sena u li għaddihielu ħuh Jeffrey.

»Is-self magħmul lil *P.E.R.G. Limited* ma tħallasx lura fiż-żmien mitfiehem. L-attur eżekutat talab lill-eżekutant jaċċetta li jtawwal iż-żmien tal-ħlas lura tas-somma misselfa b'sitt (6) xhur oħra. Talbu wkoll iżid mas-self diġà magħmul is-somma ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000) oħra.

»Fit-12 ta' Lulju 2010 l-eżekutati ħarġu kambjala (minn issa 'l hemm imsejħa "il-kambjala") oħra li kellha titħallas fit-12 ta' Settembru ta' dik l-istess sena għall-ordni tal-eżekutant biex tagħmel tajjeb għad-dejn ta' *P.E.R.G. Limited* (li qabel kien jisimha *City Butcher Co. Ltd*), li l-attriċi eżekutata hija kemm direttur tagħha u għandha wkoll ir-rappreżentanza ġudizzjarja tagħha. L-eżekutant jgħid li din il-kambjala wkoll intbagħtet lilu ma' ħuh. Dwar it-talba tal-eżekutat biex jissellef ħamsa u tletin elf euro (€35,000) oħra l-eżekutant jgħid li ma wasalx.

»L-eżekuzzjoni tal-kambjala ntalbet b'ittra uffiċjali tat-18 ta' Novembru 2011 maħruġa mill-eżekutant għall-finijiet tal-artikolu 256(2) tal-Kap. 12. F'dik l-ittra uffiċjali l-eżekutant talab lill-eżekutati jħallsuh is-somma ta' tliet mitt elf euro (€300,000) rappreżentanti l-import tal-imsemmija kambjala. Minkejja li l-eżekutati Falzon laqgħu n-notifika tal-ittra uffiċjali, ma bdew l-ebda proċedura biex jikkontestawha u lanqas ippruvaw iwaqqfu l-eżekuzzjoni tagħha.

»Fit-13 ta' Lulju tal-2012 l-eżekutant nieda proċeduri eżekuttivi biex jitlob il-bejgħ ta' ġid immobbli tal-eżekutati b'irkant taħt l-awtorità tal-qorti.

»L-eżekutati fetħu din il-kawża fid-19 ta' Awwissu 2013.

»B'degriet ta' din il-qorti (diversament presjeduta) tal-14 ta' Ottubru 2015 il-proċedura tal-bejgħ *sub hasta* twaqqfet minħabba li, sadattant, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kienet ħarġet ordni ta' iffriżar tal-ġid tal-eżekutati fit-13 ta' Lulju, 2015.«

3. F'din il-kawża l-atturi konjuġi Falzon talbu illi l-qorti:

»1. tiddikjara l-kambjala … bħala nulla u bla effett fil-liġi;

»2. konsegwentament tannulla u tħassar it-titolu eżekuttiv ottenut mill-intimat abbażi tal-istess kambjala;

»3. tiddikjara bħala nulli u bla effett fil-liġi l-atti tas-*sub hasta* numru 69/12 fl-ismijiet <u>Anthony Borg *v.* Pierre u Helen Falzon</u>.

4. Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

»1. … … …

»2. … … …

»3. ma huwiex minnu kif qed jallegaw ir-rikorrenti li isselfu s-somma ta' €200,000 permezz ta' skrittura tal-15 ta' Novembru 2009 sabiex b'dik is-somma jkopru l-ammont ta' €150,000 u kwalsijasi interessi billi fl-iskrittura partikolari ma hemm xejn imsemmi dwar dak allegat imma sempliċement li r-rikorrenti qed jissellfu is-somma ta' €200,000;

»4. … … …

»5. ma huwiex minnu li l-kambjala ingħatat in bjank imma kien ir-rikorrent Pierre Falzon li offra s-somma ta' €300,000 billi ma kienx laħaq iħallas l-ammont ta' €200,000 fiż-żmen stipulat u mifthiem, u offra din iż-żieda fl-ammont proprju biex jakkwista moratorju ta' sena oħra biex jagħmel il-ħlas, u dan kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

»6. Fi kwalunkwe każ it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u fil-mertu u dan kif ser ikun ippruvat fit-trattazzjoni tal-kawża billi ma għandhom l-ebda bażi la fattwali u anqas legali.«

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u ssib li l-azzjoni attriċi ma waqgħetx bil-preskrizzjoni u lanqas hija milquta minn irritwalità;

»tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti eżekutati miżżewġin Falzon billi ma seħħilhomx juru li l-kambjala mertu tal-każ hija tabilħaqq nulla u bla effett;

»tiċħad it-talbiet attriċi l-oħrajn billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba u joħorġu minnha; u

»tordna wkoll li l-istess atturi eżekutati jħallsu l-ispejjeż tal-kawża.»

6. Safejn huma rilevanti għall-appell, il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Din hija azzjoni biex twaqqa' s-siwi ta' kambjala u biex twaqqaf l-eżekuzzjoni tagħha fi proċedura ta' *sub hasta*. L-atturi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-eżekutati"), bħala l-aċċettanti ta' kambjala, qegħdin jgħidu li l-kambjala ma tiswiex għaliex mhux minnu li huma qatt kellhom jagħtu lill-imħarrek (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-eżekutant") is-somma li tissemma fuqha u li l-eżekutant ħa f'idejh kambjala vojta iffirmata "in bjank" mill-attur eżekutat u mela l-ammont fuqha kif deherlu hu. Billi, bis-saħħa tal-imsemmija kambjala, l-eżekutant nieda proċedura ta' bejgħ ta' ġidhom b'irkant taħt l-awtorità tal-qorti, iridu li l-qorti ssib li l-imsemmija kambjala ma tiswiex u li, għalhekk, jitħassar ukoll il-proċess tal-imsemmi irkant ġudizzjarju li tnieda b'eżekuzzjoni tal-kambjala, u fejn ġidhom immobbli kollu qiegħed jintalab il-bejgħ tiegħu b'irkant, meta l-eżekutant jaf sewwa li dak il-ġid jiswa fil-wisgħa aktar mill-ammont muri fuq il-wiċċ tal-kambjala.

»Għal din l-azzjoni l-eżekutant laqa' billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni waqgħet bil-preskrizzjoni maħsuba fl-artikolu 1222(1) tal-Kodiċi Ċivili dwar azzjonijiet rexxissorji msejsa fuq il-qerq tal-kontroparti, u li l-azzjoni mibdija mill-eżekutati ma kinitx tiswa għaliex ma saritx kif mitlub fl-artikolu 253(*e*) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Fil-mertu, laqa' billi ċaħad li l-kambjala taħbi xi ammonti li mhumiex dejn mistqarr mill-eżekutati jew xi

mgħaxijiet ogħla minn dawk li tippermetti l-liġi. Seħaq li kellu jdur għall-proċeduri tal-bejgħ ta' ġid l-eżekutati b'irkant taħt l-awtorità tal-qorti għaliex b'dan il-mod biss seta' jittama li jitħallas dak imsemmi fil-kambjala, ladarba l-eżekutati kienu midjunin ma' ħafna persuni oħrajn. Ċaħad ukoll li meta ħa l-pussess tal-kambjala din kienet "in bjank" jew li xi tagħrif fiha ma kienx imniżżel sa minn qabel ma ngħatatlu.

»… … …

»Bħala konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbuta mal-każ li l-qorti għandha quddiemha xieraq jingħad li l-liġi tipprovdi li kambjala jew *promissory note* maħruġin skond il-Kodiċi tal-Kummerċ jitqiesu bħala titoli esekuttivi, hekk kif tintbagħat lill-aċċettant ittra uffiċjali wara li tagħlaq id-data tal-ħlas tagħha u ma tkunx għadha tħallset. Il-liġi trid li l-ittra uffiċjali mibgħuta lid-debitur aċċettant tavżah, taħt piena ta' nullità, bil-jedd tiegħu li jopponi dik it-talba għall-ħlas fi żmien għoxrin jum min-notifika lilu tal-istess ittra billi jressaq rikors li biha jopponi l-esekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note* bħal dik. Il-liġi ssemmi wkoll għal liema raġunijiet persuna intimata tista' tressaq talba ta' oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-kambjala jew il-*promissory note*, għal kollox jew f'biċċa minnha;

»Qabel ma l-qorti tgħaddi biex tistħarreġ it-talbiet attriċi fid-dawl ta' dak li għadu kif ingħad, jidher xieraq li tqis l-ewwel l-eċċezzjonijiet preliminari li qajjem l-eżekutant għall-azzjoni mibdija mill-atturi eżekutati. Dawn l-eċċezzjonijiet baqa' ma rtirahomx, u lanqas deherlu li kellu jressaq sottomissjonijiet biex jiddefendihom.

»… … …

»Il-qorti trid tqis it-talbiet attriċi fil-mertu fid-dawl tal-premessi li l-atturi eżekutati jressqu. Fil-qofol tagħha, l-azzjoni attriċi timmira li twaqqaf l-effetti tal-kambjala – li, kif ingħad, illum għandha saħħa ta' titolu eżekuttiv – billi trid li jirriżulta li hemm raġuni jew raġunijiet li jagħmluha ma tiswiex.

»Il-linja ta' azzjoni meħuda mill-eżekutati ma hijiex ħafifa, għaliex, minbarra li huma naqsu li jipproċedu fil-waqt biex iżommuha milli ssir titolu eżekuttiv, tefgħu fuqhom il-piż li jridu jippruvaw tajjeb biżżejjed l-allegazzjonijiet serji li huma jsemmu biex jitolbu t-tħassir tagħha u tal-atti eżekuttivi li tnisslu minnha.

»Ladarba, f'dan il-każ, il-kambjala baqgħet ma ġietx ġirata, il-qorti ma tistax lanqas twarrabha għal kollox mill-qafas li fih inħarġet u għal liema obbligazzjoni jew kontrattazzjoni tirreferi.

»Il-kambjala nħarġet wara li kienet saret kitba li, bis-saħħa tagħha, il-kumpannija *P.E.R.G. Limited* kienet stqarret li hija kellha tagħti lill-eżekutant mitejn elf euro (€200,000). Ġara li, ftit żmien wara li saret il-kitba, l-eżekutati ħarġu kambjala favur l-eżekutant għall-ammont imsemmi, fuq talba tiegħu wara li ngħata parir minn avukat tiegħu biex isir hekk. Din il-kambjala kienet timmatura f'April tal-2010.

»Billi l-imsemmija kumpannija ma waslitx biex tħallas lura dejnha fiż-żmien miftiehem, inħarġet il-kambjala mertu tal-kawża. Din il-kambjala wkoll inħarġet mill-eżekutati u kienet timmatura f'Settembru tal-2010.

»L-atturi eżekutati jgħidu li ħarġu l-ewwel kambjala bħala garanzija għall-ħlas lura tas-somma miftehma fil-kitba. Dan ifisser li huma jistqarru li l-konsiderazzjoni tal-import tal-kambjala kien id-dejn mistqarr minn *P.E.R.G. Limited* fuq l-imsemmija kitba. Jgħidu wkoll li ħarġu l-ewwel kambjala f'isimhom personalment bħala garanti tal-imsemmija kumpannija, li, matul

is-smigħ tal-kawża, intwera li kienet il-kumpannija li fiha l-eżekutati kellhom interessi, u kienu wkoll għamlu żmien bħala uffiċjali tagħha. Matul is-smigħ tal-kawża xehdu wkoll li kienet kumpannija tagħhom.

»Il-kwestjoni tirrigwarda t-tieni kambjala. Kif ingħad, din ukoll inħarġet mill-atturi eżekutati favur l-eżekutant. Hija din il-kambjala li l-eżekutant irrenda eżekuttiva u li, bis-saħħa tagħha, nieda l-atti tas-*sub hasta* li issa l-eżekutati jridu jħassru.

»L-atturi jgħidu li huma qatt ma taw lill-eżekutant il-kambjala għall-import ta' tliet mitt elf euro. Iżidu jgħidu li ma kellhomx għalfejn jgħaddulu kambjala b'dak l-ammont minħabba li l-eżekutant qatt ma silef lilhom jew lil *P.E.R.G. Limited* dak l-ammont. Fir-rikors promotur, huma jgħidu li l-kambjala waslet f'idejn l-eżekutant b'qerq u b'abbuż tal-bona fidi tagħhom billi approprja bla mistħoqq mill-kambjala iffirmata "in bjank" meta ma kienx għadu tniżżel l-ammont tal-import tagħha fuqha meta l-eżekutati iffirmaw-ha. Iżidu jgħidu wkoll li l-ammont tal-kambjala hu milqut b'użura billi jgħodd fih imgħax ogħla mill-ogħla mgħax li tippermetti l-liġi. Dawn huma t-tliet raġunijiet li l-atturi jġibu 'l quddiem biex jitolbu t-tħassir tal-kambjala.

»Matul is-smigħ tal-kawża l-atturi qalu li bħala fatt l-eżekutant silef lil *P.E.R.G. Limited* mija u ħamsin elf euro (€150,000) u mhux mitejn elf euro (€200,000). L-eżekutant jisħaq li ħuh Jeffrey kien qallu jsib mitejn elf euro (€200,000) biex jislifhom lill-attur u hekk għamel u daqshekk silef. Jgħid ukoll li s-somma ngħatat fi flus kontanti fid-dar tal-atturi. L-atturi eżekutati jgħidu li l-kitba li saret issemmi s-somma ta' mitejn elf euro (€200,000) għaliex dik is-somma kienet tgħodd fiha mgħax fuq is-somma ta' mija u ħamsin elf euro (€150,000) li bħala fatt isselfu.

»Il-qorti tqis li l-kitba saret mill-attur innifsu bħala nutar pubbliku u ma għandhiex għaliex taħseb li xiħadd ġiegħlu jikteb dak li ma riedx. Minbarra dan, il-qagħda tieħu xejra partikolari minħabba li huwa nnifsu kellu inter-essi fil-kumpannija debitriċi. Għalkemm tagħraf il-qagħda finanzjarja mwiegħra li l-eżekutati kienu jinsabu fiha dak iż-żmien, il-qorti ma tistax taċċetta li l-eżekutati jressqu xhieda kontra dak mitkub meta ma rriżultax li l-kitba saret taħt xi theddida jew rikatt. Minbarra dan, jistona l-fatt li, kontra x-xhieda tal-atturi, il-kitba mfassla mill-attur eżekutat innifsu tgħid li fuq is-somma misselfa (li kellha tintradd lura fi żmien sitt xhur) ma kellux jgħaddi mgħax.

»Imbagħad, l-ewwel kambjala nħarġet ġimgħat wara l-kitba u l-import tagħha jaqbel mas-somma msemmija bħala d-dejn mistqarr mill-kumpannija debitriċi fil-kitba li saret tmien (8) xhur qabel. Hawn ukoll, ma ntweriex li l-kambjala nħarġet kontra r-rieda tal-eżekutati (li lanqas ma kienu huma d-debituri tal-eżekutant): għall-kuntrarju, l-attur xehed li, meta l-eżekutant talbu jiggarantixxi d-dejn b'kambjala, l-eżekutati ma sabu l-ebda diffikultà li jagħmlu dan u bagħtuha lill-eżekutant ma' ħuh. Ma ntwera li kien hemm xejn x'iżomm lill-eżekutati milli jirrifjutaw li joħorġu dik il-kambjala li kieku tassew kellhom xi pressjoni li ġegħlithom jagħmlu dan kontra r-rieda tagħhom. Wara kollox, is-self lil *P.E.R.G. Limited* kien diġà sar u, jekk stess, il-pressjoni kienet fuq l-eżekutant biex jiġbor lura s-somma misselfa li kieku l-kumpannija debitriċi kellha tonqos li tasal biex tħallasha lura.

»Meta d-dejn ta' *P.E.R.G. Limited* baqa' ma tħallasx saż-żmien miftiehem fil-kitba, l-attur eżekutat talab li ż-żmien tal-ħlas lura jitwal minn sitt (6) xhur għal sena, u li l-eżekutant jgħaddi s-somma oħra ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000) b'self mas-somma li *P.E.R.G. Limited* kienet diġà ssellfet

mingħandu. Hawnhekk bdiet is-sensiela ta' ġrajjiet li wasslet għall-ħruġ tal-kambjala mertu tal-każ, jiġifieri l-kambjala tal-import tat-tliet mitt elf euro (€300,000).

»L-atturi eżekutati jtennu li din il-kambjala nħarġet b'qerq u b'abbuż ta' fiduċja min-naħa tal-imħarrek eżekutant. L-atturi ma fissrux fiex kien jikkonsisti tali qerq. Irid jingħad li l-eżekutati saru jafu bl-eżekutant bis-saħħa ta' ħuh Jeffrey Borg, li mal-atturi kien daħal f'negozju ta' xiri ta' immobbli barra minn Malta u liema negozju kien sfaxxa b'telf finanzjarju qawwi għall-atturi eżekutati. Kemm hu hekk, l-atturi jgħidu li Jeffrey Borg lagħabhom u qarraq bihom hu sakemm ġabhom ta' fuqhom senduqhom u faqqarhom. Jgħidu li n-nefqa kollha li daħħalhom fiha kienet taqbeż is-sitt mitt elf euro (€600,000). Imma minn dawn il-provi kollha l-qorti ssib li jekk kien tabilħaqq li kien hemm min qarraq bl-atturi eżekutati kien Jeffrey Borg u mhux l-eżekutant;

»L-attur jgħid li, meta kien talab lill-eżekutant jaċċetta li jtawwal iż-żmien tal-ħlas lura tas-somma mislufa lil *P.E.R.G. Limited*, kien talbu jgħaddilu self ieħor ta' ħamsa u tletin elf euro (€ 35,000) li kellhom jitħallsu flimkien mas-somma oriġinali miftehma fil-kitba u li kien lest li joħroġlu kambjala oħra. L-eżekutant ma wasalx biex ġablu dik is-somma żejda, imma l-atturi ħarġu l-kambjala mertu tal-każ xorta waħda u bagħtuha, iffirmata u aċċettata minnhom, lill-eżekutant permezz ta' ħuh;

»Il-qorti qieset sewwa dawn iċ-ċirkostanzi u b'mod partikolari x-xhieda tal-atturi eżekutati nfushom. Fil-bidu tal-kawża, l-atturi jgħidu li l-kambjala kienet iffirmata minnhom "in bjank". Matul is-smigħ tal-kawża, huma bdew jgħidu li ma jafux biha u li ma jistax ikun li kienu se joħorġu kambjala tal-import ta' tliet mitt elf euro ladarba qatt ma ssellfu somma bħal dik mill-eżekutant. Min-naħa l-oħra, l-attur eżekutat xehed minn rajh li l-kambjala kien bagħatha hu nnifsu lill-eżekutant permezz ta' ħu l-istess eżekutant, imma kien tabilħaqq kitibha u mliha qabel ma għaddiha lil ħu l-eżekutant biex jagħtihielu.

»Il-qorti ssib li din ix-xhieda tal-atturi hija x'aktarx kontradittorja. Hija xhieda li ma tħallix lill-qorti tara liema verżjoni hija l-aktar waħda li jmissha tit-wemmen, għaliex mogħtija mill-istess atturi fi żminijiet differenti matul is-smigħ tal-kawża bħallikieku kienet xhieda li tirreferi għal kambjalijiet differenti u mhux l-istess waħda. Fuq kollox, hija xhieda li turi mġiba aktar minn traskurata ta' kif wieħed jagħżel li jimxi fir-rabtiet u obbligazzjonijiet tiegħu mal-oħrajn. Dan jieħu xeħta iżjed serja meta wieħed iżomm quddiem għajnejh il-professjoni tal-attur u l-għarfien li tabilfors kellu dwar il-konsegwenzi u l-effetti ta' dak li hu u martu kienu qegħdin jagħmlu.

»Il-qorti kienet ukoll ħatret espert tal-kitba biex jistħarreġ ix-xilja tal-eżekutati li l-kambjala ma ħarġitx minn idejhom. L-istess atturi eżekutati naqsu li jinqdew minn dik il-ħatra biex jippruvaw ix-xilja tagħhom, u saħansitra talbu li l-qorti tħassar dik il-ħatra. Din hija ċirkostanza li ddgħajjef il-każ tal-eżekutati, għaliex iċċaħħadhom minn possibilità ta' prova empirika u fattwali li ssejjes waħda mill-kawżali ewlenin tal-każ kollu tagħhom. Kienet tkun – jekk tabilħaqq kien il-każ – prova qawwija dwar jekk il-kambjala kinitx milquta minn nuqqas serju u gravi li jġibha ma tiswiex.

»Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-qorti ssib li l-atturi eżekutati naqsu li jwettqu l-piż probatorju meħtieġ mistenni minnhom u li jikkonvinċuha ssib favur it-teżi tagħhom. Min-naħa l-oħra, eżami formali ta'

> dak li jinsab fil-kambjala juri li hija tħares il-formalitajiet mitluba mil-liġi. Għalhekk, l-ewwel talba mhijiex sejra tintlaqa'.
>
> »Fuq is-siwi tal-ewwel talba attriċi jiddependu t-talbiet attriċi l-oħrajn. Ladarba l-qorti waslet għall-fehma li l-ewwel talba attriċi ma jistħoqqilhiex tintlaqa', lanqas jistgħu jintlaqgħu t-talbiet attriċi l-oħrajn.«

7. L-atturi appellaw b'rikors tal-4 ta' Diċembru 2017 li għalih il-konvenut ma weġibx.

8. Essenzjalment fl-appell tagħhom l-atturi jiċħdu li huma jew is-soċjetà *P.E.R.G. Limited* qatt kellhom jagħu tliet mitt elf euro (€300,000) lill-konvenut u li qatt ħarġu kambjala f'dan l-ammont favur il-konvenut; igħid li s-self kien biss għal mija u ħamsin elf euro (€150,000). Iżidu jgħidu li l-ewwel qorti ma qisitx li l-ammont li jidher fuq il-kambjala hu milqut bl-użura billi jgħodd fih imgħax ogħla mill-ogħla imgħax li tippermetti l-liġi. Ifissru l-aggravji tagħhom hekk:

> »… … … l-ewwel onorabbli qorti fl-analiżi tagħha tal-provi miġjuba quddiemha jidher li bir-rispett ħadet in konsiderazzjoni fatturi irrelevanti għal proċeduri in kwistjoni li wassluha biex tiġi indotta fi żball meta ġiet biex tiddelibera fuq it-talbiet attriċi.
>
> »L-ewwel onorabbli qorti tat piż konsiderevoli għal fatt li l-atturi kienu rtiraw it-talba tagħhom għal espert kalligrafu meta bir-rispett din kienet kwistjoni marġinali.
>
> »Il-kweżit li kellha quddiemha l-ewwel onorabbli qorti kien li tistħarreġ jekk fil-fatt il-konvenut kienx silef is-somma ta' tliet mitt elf euro lill-atturi u, stabbilit kemm attwalment silef il-konvenut lill-atturi, jekk l-istess somma ta' tliet mitt elf euro indikata fil-kambjala impunjata kinetx tinkludi imgħax *oltre* dak permess mil-liġi u kwindi jekk hawn kienx hemm każ ta' użura.
>
> »L-appellanti fix-xhieda tagħhom dejjem sostnew li l-appellat silef lill-kumpannija *P.E.R.G. Limited* is-somma ta' mija u ħamsin elf euro (€150,000) u mhux ta' mitejn elf (€200,000) u dan minħabba l-fatt li s-somma ta' mitejn elf euro (€200,000) kienet tgħodd fiha mgħax fuq s-somma ta' mija u ħamsin elf (€150,000) li bħala fatt isselfu.
>
> »Bl-akbar rispett, l-appellanti qatt ma kienu jew kellhom il-ħtieġa li joħorġu kambjala fis-somma ta' tliet mitt elf euro (€300,000) lill-appellat u dan *stante* l-fatt li huma jew il-kumpannija *P.E.R.G. Limited* qatt ma kienu debituri tal-appellat fl-ammont ta' tliet mitt elf euro (€300,000). Fil-fatt kien hemm qbil li l-aħħar kambjala mertu ta' dawn il-proċeduri kienet tħejjiet b'rabta ma self ulterjuri li qatt ma seħħ.

»Il-fatt li l-attur kien nutar fiż-żmien in kwistjoni. Huwa baqa bniedem tad-demm u l-laħam li kif irrikonoxxiet l-ewwel onorabbli qorti sab ruħu f'sitwazzjoni prekarja ferm u għalhekk suġġett għall-abbuż ta' terzi li fittxew li jisfruttaw is-sitwazzjoni meskina li sab ruħu fiha.

»Mingħajr preġudizzju għas-suespost it-tieni aggravju tal-appellanti huwa ċar u manifest in kwantu l-ewwel onorabbli qorti injorat għal kollox li l-ammont tal-kambjala hu milqut b'użura billi jgħodd fih imgħax ogħla mill-ogħla imgħax li tippremetti l-liġi.

»Fix-xhieda tagħhom l-appellanti dejjem sostnew li l-appellat silef lill-kumpannija *P.E.R.G. Limited* is-somma ta' mija u ħamsin elf euro (€150,000) u mhux ta' mitejn elf (€200,000) u dan minħabba l-fatt li s-somma ta' mitejn elf euro (€200,000) kienet tgħodd fiha imgħax fuq is-somma ta' mija u ħamsin elf (€150,000) li bħala fatt isselfu.

»Din ix-xhieda hija kkorroborata mill-iskrittura privata tal-15 ta' Novembru 2009 li saret bejn il-partijiet fejn fiha hemm indikat li fuq l-ammont ta' mitejn elf (€200,000) m'għandux jgħaddi imgħax.

»Bir-rispett ma kienx hemm ħtieġa ta' xi kalkolu kumplikat għaliex *del resto* jidher *prima facie* li bl-ebda tiġbid ta' l-immaġinazzjoni ma jista' somma ta' €150,000 issir €200,000 b'rata ta' 8% f'daqshekk żmien qasir jew addirittura €200,000 b'rata ta' 8% issir €300,000 u dan f'temp ta' ftit xhur.«

9. L-ewwel kwistjoni li trid tiġi determinata hija jekk il-kambjala li dwarha saret il-kawża nħarġitx mill-atturi minn jeddhom jew saritx mill-konvenut b'qerq jew b'abbuż ta' fiduċja.

10. L-atturi jiċħdu li huma qatt taw lill-konvenut kambjala għal tliet mitt elf euro (€300,000). Igħidu li la huma u lanqas *P.E.R.G. Limited* qatt kienu debituri tal-konvenut f'dan l-ammont u li għalhekk ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex kellhom jagħtuh kambjala f'dan l-ammont. Igħidu wkoll illi l-konvenut "appropria indebitament kambjala iffirmata in bjank mill-istess rikorrenti Falzon u niżżel b'mod qarrieqi l-ammont ta' €300,000", u li għalhekk il-kambjala nħarġet b'abbuż "mill-fiduċja u l-*buona fede* tan-nutar Pierre Falzon *... ... ...*"[1].

11. Fix-xiehda tiegħu mogħtija fil-11 ta' Ġunju 2014 quddiem l-assistent ġudizzjarju l-attur ikkonferma li kien ħejja l-kambjala mingħajr figuri u li

[1] *Fol*. 2.

kien ikun lest li joħroġ kambjala f'dan l-ammont lill-konvenut li kieku dan tal-aħħar kompla sellfu ħamsa u tletin elf euro (€35,000) oħra, iżda ladarba dan is-self ulterjuri baqa' ma sarx, ma kien hemm l-ebda ħtieġa li tinħareġ kambjala għal tliet mitt elf euro (€300,000).

12. Wara li qieset ix-xiehda kollha mressqa mill-partijiet, din il-qorti hija tal-fehma illi l-ewwel qorti waslet għal konklużjoni tajba meta ma sabitx illi lill-atturi seħħilhom juru illi tassew il-kambjala nħarġet b'qerq jew b'abbuż ta' fiduċja mill-konvenut.

13. Qabel xejn, ma tressqet ebda prova ta' tbagħbis tal-kambjala. Li kieku l-atturi nqdew bil-ħatra tal-espert tal-kitba maħtur mill-ewwel qorti kienu forsi jibdew joħolqu suspett likieku ntwera mill-espert illi l-ammont muri fuq il-kambjala tnizżel mill-konvenut. Minflok, huma talbu lill-qorti sabiex tħassar dik il-ħatra[2].

14. Barra minn hekk, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti, hemm diversi inkonsistenzi fix-xiehda tal-atturi stess, partikolarment meta, għalkemm drabi oħra ċaħad illi l-kambjala kien mlieha kollha hu, partikolarment l-ammont dovut[3], fix-xhieda minnu mogħtija fis-16 t'April 2015 l-attur qal li kien imliha hu l-kambjala – presumibbilment għalhekk kollha kemm hi – iżda ma kellhiex tinħareġ sakemm ma jsirx is-self ulterjuri ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000)[4]. Barra minn hekk, għalkemm l-attur ħafna drabi ċaħad li qatt ta l-kambjala *de qua* lill-konvenut, fix-xhieda minnu mogħtija quddiem l-assistent ġudizzjarju fil-11 ta' Ġunju 2014 iddikjara li l-ewwel

2 *Fol*. 171.

3 *Fol*. 74.

4 *Fol*. 160.

kambjala ta' mitejn elf euro (€200,000) kien għaddiha "*through his brother* ukoll"[5]. L-użu tal-kelma "ukoll" jimplika li kemm l-ewwel kambjala u kemm it-tieni waħda ngħataw mill-attur lil ħu l-konvenut sabiex dan igħaddiha lill-konvenut.

15. L-attur appellant jgħid li kien lest li jagħti kambjala lill-konvenut għal tliet mitt elf euro (€300,000) li kieku dan tal-aħħar kompla sellfu ammont ulterjuri, *i.e.* dak ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000). Madanakollu ma jfissirx għaliex kien ħejja l-kambjala qabel ma ngħata s-self. Ma fissirx ukoll għaliex ma qattax il-kambjala wara li l-konvenut għarrfu li ma kienx sejjer isellfu l-flus li talbu.

16. Ukoll, il-fatt li l-atturi naqsu li jipproċedu fil-waqt biex iżommu milli l-kambjala ssir titolu eżekuttiv ma jgħinx sabiex isaħħaħ l-allegazzjonijiet serji li huma jagħmlu biex jitolbu t-tħassir tagħha u tal-atti eżekuttivi li tnisslu minnha. Jekk tassew sar dak li jallegaw l-atturi kont tistenna li minnufih l-atturi jfittxu rimedji li tagħti l-liġi u mhux jistennew sal-aħħar mument qabel ma jinbigħ ġidhom b'irkant taħt l-awtorità tal-qorti.

17. Din il-qorti għalhekk taqbel mal-ewwel qorti li ma saritx prova ta' tbagħbis b'qerq fil-kambjala.

18. Tifdal il-kwistjoni tal-użura.

19. Irid qabel xejn jiġi determinat jekk is-self kienx ta' mija u ħamsin elf euro (€150,000), kif igħidu l-atturi, kienx ta' mitejn elf euro (€200,000), kif jidher

[5] *Fol*. 73.

mill-kitba tal-15 ta' Novembru 2009 u mill-ewwel kambjala, u jekk kienx ta' tliet mitt elf euro (€300,000) kif jidher mit-tielet kambjala.

20. Il-kitba tal-15 ta' Novembru 2009 u l-kambjalijiet huma prova *prima facie* ta' dak li jgħidu, u huwa fuq l-atturi l-oneru, imqar fuq bilanċ ta' probabiltajiet, tal-prova li s-somma mislufa kienet biss ta' mija u ħamsin elf euro (€150,000), u li d-differenza bejn dik is-somma u dak pretiż mill-konvenut hija mgħax b'użura.

21. Rajna illi l-ammont ta' mitejn elf euro (€200,000) li jidher fuq l-ewwel kambjala jirriżulta wkoll mill-kitba tal-15 ta' Novembru 2009 li saret bejn il-konvenut u s-soċjetà tal-atturi, u li tħejjiet mill-attur stess. F'dik il-kitba jingħad hekk:

> »… … … in forza ta' dan il-kuntratt il-kumpanija qed tikkostitwixxi ruħha vera, ċerta u likwida debitriċi a favur tal-kreditur li jaċċetta fl-ammont ta' mitejn elf euro (€200,000) rappresentanti self magħmul qabel illum u liema somma hija restitwibbilli fi żmien sitt xhur millum mingħajr interessi.« [6]

22. Jekk hu minnu dak li jgħidu l-atturi illi s-self kien ta' mija u ħamsin elf euro (€150,000) u mhux mitejn elf (€200,000), mela ġà f'din il-kitba u fl-ewwel kambjala hemm mgħaxijiet b'użura, għax jekk fil-15 ta' Novembru 2009 sar self ta' mija u ħamsin elf euro (€150,000) li kellu jitħallas sat-30 ta' April 2010, ħames xhur u nofs wara, mela l-ogħla mgħax li seta' jintalab bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*) jiġi tnax-il elf euro (€12,000) fis-sena, jew elf euro (€1,000) fix-xahar: ħamest elef u ħames mitt euro (€5,500) għal ħames xhur u nofs, u mhux ħamsin elf euro (€50,000), id-

---

[6] *Fol*. 6.

differenza bejn is-somma mislufa u dik li tidher fuq il-kitba u fuq il-kambjala.

23. Il-kwistjoni issa hi jekk is-self meta nħarġet l-ewwel kambjala kienx ta' mija u ħamsin elf euro (€150,000) – u f'dak il-każ hemm użura – jew kienx tassew ta' mitejn elf euro (€200,000) mingħajr imgħax.

24. Is-self oriġinalment kien lil soċjetà kummerċjali, u għalhekk għandu jitqies li hu self kummerċjali. Issa, li jsir self kummerċjali ta' mitejn elf euro (€200,000) bla mgħax huwa ġà ħaġa insolita, u fiha nfisha toħloq suspett illi fis-somma dikjarata ġà hemm element ta' mgħaxijiet. Għalkemm mhux konklużiva, ġà hemm indikazzjoni qawwija li tassew hemm element ta' użura.

25. Dan is-suspett jissaħħaħ meta nqisu ċ-ċirkostanzi tat-tieni kambjala, u kif titfisser id-differenza bejn il-mitejn elf euro (€200,000) li jidhru fuq il-kitba privata u fuq l-ewwel kambjala u t-tliet mitt elf euro (€300,000) li jidhru fuq it-tieni waħda.

26. Minkejja d-diskrepanzi fix-xiehda tal-atturi dwar allegazzjoni ta' tbagħbis fil-kambjala, li l-qorti ikkummentat fuqhom aktar 'il fuq, il-qorti xorta temmen lill-attur meta igħid illi, wara li għalqet l-ewwel kambjala, hu talab lill-konvenut ikompli jsellfu ħamsa u tletin elf euro (€35,000) oħra iżda l-konvenut irrifjuta. Din wara kollox hija ħaġa li tistenniha. Jekk min għandu jagħtik mitejn elf euro (€200,000) – jekk is-self oriġinali tassew kien daqshekk – ma jasalx biex jagħtihomlok fiż-żmien miftiehem, m'intix sejjer tkabbar il-ferita bit-tama li erba' xhur wara sejjer iħallsek lura kemm id-dejn oriġinali kif ukoll dak ġdid. Il-qorti temmen għalhekk li, wara l-ħruġ tal-

ewwel kambjala, ma sar ebda self ieħor mill-konvenut lill-atturi jew fl-interess tagħhom. Id-differenza ta’ mitt elef euro (€100,000) bejn l-ewwel kambjala u t-tieni waħda mela tista’ tkun biss mgħaxijiet moħbija.

27. Dan wara kollox jirriżulta wkoll mill-ħames eċċezzjoni tal-konvenut, li tgħid illi:

> »… … … kien ir-rikorrent Pierre Falzon li offra s-somma ta’ €300,000 billi ma kienx laħaq iħallas l-ammont ta’ €200,000 fiż-żmen stipulat u mifthiem, u offra din iż-żieda fl-ammont proprju biex jakkwista moratorju ta’ sena oħra biex jagħmel il-ħlas … … …«

għalkemm il-“moratorju” wara li għalqet l-ewwel kambjala kien ta’ ftit anqas minn erba’ xhur u nofs, u mhux sena kif tgħid l-eċċezzjoni.

28. Ma hemmx dubju għalhekk illi d-differenza bejn l-ewwel kambjala u t-tieni waħda hija għal mgħaxijiet moħbija. Dan ikompli jsaħħaħ is-suspett illi anke s-somma ta’ mitejn elf euro (€200,000) tal-ewwel kambjala ukoll fiha mgħaxijiet bl-użura, għax kif il-konvenut impona fuq l-atturi, minħabba fiċ-ċirkostanzi diffiċli li sabu rwieħhom fihom, biex jaċċettaw li jiffirmaw it-tieni kambjala għalkemm kien fiha mgħaxijiet b’użura, ma tridx wisq biex temmen li anke fil-każ tal-kitba tal-15 ta’ Novembru 2009 u tal-ewwel kambjala seħħet l-istess ħaġa.

29. Il-qorti għalhekk temmen illi s-self kien ta’ mija u ħamsin elf euro (€150,000). Kien fit-3 ta’ Marzu 2010, meta aċċettaw l-ewwel kambjala, li l-atturi assumew fuqhom id-dejn. Jekk il-ħlas kellu jsir mal-iskadenza tat-tieni kambjala fit-12 ta’ Settembru 2010, mela s-self kien għal mija u tmint (108) ijiem bejn it-3 ta’ Marzu 2010 u t-12 ta’ Settembru 2010. L-ogħla mgħax ta’ tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*) fuq mija u ħamsin elf euro

(€150,000) għal mija u tmint (108) ijiem jiġi tlitt elef, ħames mija u ħamsin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€3,550.68)[7]; il-bqija huwa użura.

30. Il-kambjala mela tiswa biss sa mija u tlieta u ħamsin elef, ħames mija u ħamsin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€153,550.68)[8]. L-atturi għalhekk kellhom raġun jikkontestaw il-kambjala – għalkemm biss dwar l-ammont tal-imgħaxijiet b'użura – u wkoll il-proċeduri eskuttivi li tnisslu minnha.

31. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tħassar is-sentenza appellata u tipprovdi minflok billi:

   a. tilqa' l-ewwel talba fis-sens biss illi tiddikjara illi l-kambjala tiswa biss sa mija u tlieta u ħamsin elef, ħames mija u ħamsin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€153,550.68);

   b. tilqa' t-tieni talba fis-sens biss li tħassar is-siwi tal-kambjala bħala titolu esekuttiv safejn tagħti titolu għal ammont li jeċċedi s-somma ta' mija u tlieta u ħamsin elef, ħames mija u ħamsin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€153,550.68);

   c. tilqa' t-tielet talba fis-sens biss illi tħassar l-atti tal-bejgħ *sub hasta* numru 69/12 fl-ismijiet Anthony Borg *v.* Pierre u Helen Falzon safejn dan il-bejgħ hu maħsub biex jiġbor somma li teċċedi mija u tlieta u ħamsin elef, ħames mija u ħamsin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€153,550.68).

---

[7] €150,000 × 8% = €12,000; €12,000 ÷ 365 × 108 = €3,550.68.

[8] Artt. 986(2) u 1852 Kod. Ċiv.

32. L-ispejjeż kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) jħallsuh l-atturi u tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallashom il-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim'Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da